



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Iżvilupp

2010/2100(INI)

11.5.2011

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw
jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel
(2010/2100(INI)) Rapporteur għal opinjoni:

Kumitat għall-Iżvilupp

Rapporteur: Gabriele Zimmer

PR_INI

WERREJ

Pàġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW3

NOTA SPJEGATTIVA9

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel (2010/2100(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-obbligi li hemm fil-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, partikolarment l-Artikolu 11 tiegħu dwar id-dritt għall-ikel, li tiegħu l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea huma firmatarji,
- wara li kkunsidra l-objettiv tas-Summit Dinji dwar l-Ikel tal-1996 (id-Dikjarazzjoni ta' Ruma) li sal-2015 jitnaqqas bin-nofs in-numru ta' nies li jbatu l-ġuħ,
- wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs), adottati fis-Summit tal-Millennju tan-Nazzjonijiet Uniti f'Settembru 2000, u b'mod partikolari l-Għan ta' Żvilupp 1 dwar il-prinċipju dwar it-tneħħija tal-faqar u tal-ġuħ estrem,
- wara li kkunsidra s-Sessjoni Speċjali tal-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem tat-22 ta' Mejju 2008, f'Ġinevra, dwar "l-impatt negattiv tad-deterjorament tal-kriżi dinjija tal-ikel fuq id-dritt għall-ikel, ikkawżat *inter alia* minħabba prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew",
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-għajnuna umanitarja tal-Unjoni Ewropea intitolata "l-Konsensus Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja",
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Għajnuna tal-Ikel iffirmata f'Londra fit-13 ta' April 1999, li l-objettivi tagħha huma li jsir kontribut għas-sigurtà tal-ikel dinjija u li titjeb l-abilità tal-komunità internazzjonali biex tirispondi għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza fl-ikel u bżonnijiet oħra ta' ikel tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-Summit Dinji dwar is-Sigurtà Alimentari tal-2009 u l-preparazzjoni mill-FAO "tal-Linji Gwida Volontarji dwar Governanza Responsabbli tal-Pusses tal-Art u ta' Riżorsi Naturali oħra",
- wara li kkunsidra "l-Linji Gwida Volontarji għas-sostenn tal-materjalizzazzjoni progressiva tad-dritt għal alimentazzjoni adegwata fil-kuntest tas-sigurtà alimentari nazzjonali",
- wara li kkunsidra "l-linji gwida tal-politika tal-UE dwar l-art" minn Novembru 2004,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Maputo dwar l-Agricoltura u s-Sigurtà tal-Ikel iffirmata fl-2003, fejn il-gvernijiet Afrikani impenjaw ruħhom li jallokaw minimu ta' 10% tal-baġits nazzjonali annwali tagħhom għall-agricoltura,
- wara li kkunsidra r-Rapport mill-Bank Dinji dwar l-Iżvilupp Dinji għall-2008 "Agricoltura għall-Iżvilupp",
- wara li kkunsidra r-rapport ippublikat fil-15 ta' April 2008 dwar Valutazzjoni

Internazzjonali tal-Għarfien Agrikolu, ix-Xjenza u t-Teknoloġija għall-Iżvilupp (IAASTD),

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sigurtà Alimentari Globali tal-Ikel f'L'Aquila, adottata fl-10 ta' Lulju 2009,
- wara li kkunsidra l-Inizjattiva ta' Bażi tal-Protezzjoni Soċjali tan-NU,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1337/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi faċilità għal rispons rapidu għall-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw¹,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "Qafas ta' politika tal-UE biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà tal-ikel" (COM(2010)0127) adottat fil-31 ta' Marzu 2010 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-10 ta' Mejju 2010.
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar "l-Għajnuna Umanitarja tal-Ikel" (COM(2010)126) adottat fil-31 ta' Marzu 2010 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill adottati fl-10 ta' Mejju 2010,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2007 dwar il-prezzijiet tal-ikel u tal-għalf li dejjem qed jogħlew², ir-risoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew fl-UE u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw³, kif ukoll ir-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Frar 2011 dwar il-prezzijiet tal-ikel li dejjem qed jogħlew⁴
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2007 dwar l-avanz fl-agrikoltura Afrikana – Proposta għall-iżvilupp agrikolu u s-sigurtà alimentari fl-Afrika⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2009 dwar il-Politika Agrikola Komuni u s-Sigurtà tal-Ikel Globali⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2009 dwar is-Summit tal-FAO u s-sigurtà tal-ikel⁷,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE dwar is-sigurtà tal-ikel, adottata f'Kinshasa fl-4 ta' Diċembru 2010⁸,
- wara li kkunsidra t-tmien rakkomandazzjonijiet tal-G20 ippublikati mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-dritt għall-ikel fid-29 ta' Jannar 2011,

¹ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 62.

² ĠU C 263E, 16.10.2008, p. 621.

³ ĠU C 279E, 19.11.2009, p. 71.

⁴ Test adottat, P7_TA(2011)0071.

⁵ ĠU C 292E, 20.11.2008, p. 201.

⁶ ĠU C 66E, 24.2.2010, p.10.

⁷ ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 69.

⁸ Test adottat ACP-EU/100.879/10/fin.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0000/2011),
- A. billi skont il-FAO, in-numru ta' persuni mhux mitmugħin biżżejjed fl-2010 jammonta għal 925 miljun persuna
 - B. billi l-prezzijiet tal-ikel baqgħu joġġew b'mod stabbli minn Awwissu 2010; billi l-volatilità tal-prezzijiet tal-prodotti qed ikollha impatt kbir fuq pajjiżi bi dħul baxx,
 - C. billi hu mistenni li sal-2050 id-domanda globali għall-prodotti agrikoli se tiżdied b'70%; billi l-insigurtà alimentari hija aggravata aktar mill-ispekulazzjoni fuq il-prodotti, id-deġenerazzjoni tal-artijiet, l-iskarsezza tal-ilma, it-tibdil fil-klima, l-akkwist globali tal-artijiet, id-domanda għal fjuwils geġjin mill-agricoltura u l-politiki relatati mal-enerġija,
 - D. billi l-agricoltura tipprovdi l-impjeg u l-għajxien għal aktar minn 70% tal-forza tax-xoġhol, il-biċċa l-kbira minnhom nisa, fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-Bank Dinji jistma li t-tkabbir fis-settur agrikolu huwa darbtejn aktar effikaċi fit-tnaqqis tal-faqar mit-tkabbir f'setturi oħra,
 - E. billi l-evidenza turi l-potenzjal li għandhom sistemi ta' bdiewa fuq skala żgħira biex iżidu l-produzzjoni tal-ikel ġenerali; billi l-iffukar fuq il-produzzjoni għall-esportazzjoni fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandu impatti negattivi fuq in-nisa, bħala bdiewa fuq skala żgħira,
 - F. billi kapaċitajiet tal-Istat b'saħħithom huma kruċjali għal żvilupp sostenibbli u biex jiġu żviluppanti kapaċitajiet għall-produzzjoni u l-ipproċessar,
- +G. billi s-sehem tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) allokat għall-agricoltura fl-livell internazzjonali waqa' drammatikament matul dawn l-aħħar tliet deċennji,
- H. billi l-UE rreaġiet malajr għall-kriżi tal-ikel tal-2008 permezz tal-ħolqien tal-Faċilità tal-Ikel; billi l-impatt ta' tali miżuri dwar l-kawżi strutturali tal-ġuħ u l-insigurtà alimentari ma setax jitkejjel faċilment,

Oqfas politiku tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali: approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għas-sostenibilità tal-azjendi agrikoli fuq skala żgħira

1. Jenfasizza li l-għadd ta' nies li jbatu l-ġuħ huwa inaċċettabbli u jiddispjaċih li l-isforzi globali internazzjonali s'issa ma laħqux il-MDG1 jitlob li jittieħdu passi urġenti għas-sodisfazzjon ta' impenji vinkolanti fl-livell internazzjonali u biex id-dritt għal alimentazzjoni adegwata jsir realtà;
2. Jilqa' l-koerenza taż-żewġ Komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-għajnuna umanitarja tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel; jitlob aktar koordinazzjoni biex jiġu indirizzati aħjar l-kawżi ewlenin tal-ġuħ u l-insigurtà alimentari;

3. Jistieden lill-UE żżid is-sostenn favur l-agrikoltura fil-programmi tagħha ta' għajnuna għall-iżvilupp u tinvesti fi pjanijiet imexxija fuq livell nazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa għal aktar investimenti pubbliċi fir-riċerka għal sistemi ta' produzzjoni agroekoloġiċi sostenibbli;
4. Jaqbel li programmi tal-UE għall-għajnuna għandhom jiffokaw fuq produzzjoni alimentari fuq skala żgħira sostenibbli u għandha tingħata prijorità lill-approċċi "ekoloġikament effikaċi " li jsaħħu l-bijodiversità, jipprevjenu d-degradazzjoni tal-art fertili, jippromwovu l-prattiki agroekoloġiċi u bi ffit użu ta' fatturi esterni (LEI), u li jeskludu l-OĠM;
5. Jenfasizza li l-integrazzjoni ġusta tal-azjendi agrikoli żgħar fil-kuntest tal-katina tal-valur tista' tirnexxi biss bil-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għall-mezzi ta' produzzjoni, għall-ipproċessar u għal opportunitajiet kummerċjali;
6. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja l-kapaċitajiet tal-agroproċessar fil-pajjiżi sħab sabiex jitnaqqas it-telf wara l-ħsad, jittawwal il-perjodu ta' skadenza tal-prodotti tal-ikel u jinħolqu postijiet tax-xogħol deċenti għall-popolazzjoni lokali;
7. Ifakkar li l-aċċess għal alimentazzjoni adegwata huwa dritt universali tal-bniedem; iħeġġeġ lill-pajjiżi sħab jimplimentaw il-linji gwida volontarji FAO dwar id-dritt għall-ikel; jistieden lill-UE u lill-pajjiżi sħab jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ li jiżguraw l-implimentazzjoni effikaċi tal-politiki dwar id-dritt għall-ikel;
8. Jitlob ir-rikonoxximent tal-kunċett tas-sovranià tal-ikel, definit bħala l-kapaċità ta' pajjiż jew reġjun li jimplimenta b'mod demokratiku l-politiki agrikoli u tal-ikel proprji tiegħu, flimkien mal-prijoritajiet u l-istrateġiji tiegħu;
9. Jilqa' d-deċiżjoni dwar l-integrazzjoni tad-dimensjoni alimentari fil-programmi tal-UE jistieden lill-Kummissjoni tfassal Komunikazzjoni speċifika dwar din id-dimensjoni; jitlob li l-aspett alimentari jiddaħħal b'mod permanenti fil-politiki dwar is-sigurtà tal-ikel u għal interventi fis-settur tal-agrikoltura;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol fundamentali tan-nisa, bħala bdiewa fuq skala żgħira, fis-sigurtà tal-ikel, u tinvesti fi prograami li jsostnuhom b'mod partikolari;
11. Iħeġġeġ lill-UE ssostni l-inizjattiva tan-NU dwar livell minimu ta' protezzjoni soċjali, li jkun ta' għajnuna biex jintlaħqu l-ħtiġijiet alimentari bażiċi tal-popolazzjonijiet foqra.

Miżuri effikaċi kontra l-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel u l-akkwist bla rażan tal-artijiet: il-limitazzjoni tal-ispekulazzjoni fis-swieq tal-prodotti bażiċi alimentari u agrikoli

12. Jiġbed l-attenzjoni għall-kawżi strutturali tal-volatilità tal-prezzijiet u jenfasizza bil-qawwi li minħabba spekulazzjoni fuq id-derivati tal-komoditajiet essenzjali l-volatilità tal-prezzijiet marret ħafna għall-aġar; japprova l-konklużjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel rigward ir-rwol tal-investituri kbar li jinfluwenzaw l-indiċi tal-prezzijiet tal-komoditajiet;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni konkreta biex jindirizzaw b'mod effikaċi l-ispekulazzjoni finanzjarja fuq il-qmuħ u l-ikel;
14. Jemmen li d-derivati tal-komoditajiet huma differenti minn derivati finanzjarji oħra u li l-aċċess għal dan is-suq għandu jkun ristrett u li s-suq għandu jkun irregolat aħjar
15. Jitlob żieda u ġestjoni aħjar tar-riżervi fiżiċi tal-qmuħ fil-ġlieda kontra l-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel,
16. Jesprimi tħassib profond rigward l-akkwisti tal-artijiet fuq skala kbira attwalment imwettqa minn investituri barranin fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw għad-detriment tal-bdiewa fuq skala żgħira lokali li jeħtieġu aktar protezzjoni;
17. Iħeġġeġ l-adozzjoni tal-linji gwida volontarji tal-FAO dwar l-akkwisti tal-art, iżda jitlob ukoll regolamenti nazzjonali u internazzjonali strettament vinkolanti dwar l-akkwist tal-artijiet; jenfasizza li n-negozjati kuntrattwali għandhom ikunu trasparenti b'tali mod li jippermettu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili;
18. Jitlob għall-istabbiliment ta' mekkaniżmi li jipprevjenu "l-użu ta' prezzijiet baxxi" biex il-bdiewa lokali jitqaċċtu 'l barra mis-suq u l-kapaċità tagħhom li jipproduċu l-ikel għall-popolazzjonijiet lokali;
19. Ifakkar lill-Kummissjoni u lill-pajjiżi sħab dwar l-effetti pożittivi ta' sistemi ta' produzzjoni agroekoloġiċi fir-rigward tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp: l-impatt tal-politiki tal-UE dwar is-sigurtà alimentari globali

20. Ifakkar li d-dritt għall-ikel għandu jieħu preċedenza assoluta fuq għanijiet għas-sigurtà enerġetika jitlob għall-iffriżar tal-miri tal-istrateġija enerġetika tal-UE sakemm isiru aktar valutazzjonijiet ta' impatt ;
21. Iħeġġeġ l-adozzjoni ta' perspettiva aktar globali fit-tfassil tal-PAK wara l-2013 li għandu jkun konformi mal-prinċipju "tagħmilx ħsara", għas-swieq tal-ikel f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;
22. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni ta' impatt tal-PAK li se tanalizza l-impatt estern tagħha fis-swieq internazzjonali tal-ikel u fuq is-sigurtà tal-ikel f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;
23. Jitlob li gradwalment jitneħħew għalkollox is-sussidji tal-esportazzjoni kif ukoll l-inċentivi kollha l-oħra fil-PAK li jirriżultaw f'miżuri li jgħawġu l-kummerċ;
24. Jitlob riformi li jespandu l-opportunitajiet għall-aċċess tas-suq għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jippermettulhom joperaw b'mod kompetittiv fis-swieq nazzjonali u reġjonali proprji tagħhom;
25. Itenni t-tħassib tiegħu dwar l-istrateġija kummerċjali tal-UE li tonqos milli ttipprovdi approċċ favur l-iżvilupp; jitlob għalhekk ftehimiet kummerċjali ġusti u bilanċjati, peress li

huma element essenzjali ta' rispons fil-konfront tas-sigurtà tal-ikel globali;

26. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiffoka fuq aspetti ta' żvilupp fin-negozjati FSE li għaddejjin bħalissa u biex tagħti aktar flessibbiltà lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tar-regoli tal-kummerċ; jitlob lill-Kummissjoni tiegħu pożizzjoni iebsa favur l-iżvilupp, matul in-negozjati tad-WTO u taħdem lejn it-tlestija taċ-Ċiklu ta' Doha jstieden lill-Kummissjoni tapplika approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għal negozjati kummerċjali internazzjonali u biex fil-ftehimiet mal-pajjiżi terzi tapplika valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem ;
27. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-insigurtà alimentari hija sfida għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, speċjalment fl-Afrika sub-Saħarjana u l-pajjiżi l-anqas żviluppati. Fis-Summit dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju ta' Settembru 2010, għe rrapportat li kien ċar li l-progress lejn il-kisba tal-obiettivi relatati mal-ġuħ **ma kienx biżżejjed**. Skont il-FAO, in-numru stmat ta' nies bil-ġuħ fl-2010 kien ta' 925 miljun, numru li naqas mill-1 023 miljun fl-2009 imma xorta waħda aktar min-numru ta' persuni mhux mitmugħin biżżejjed fl-2008 (madwar 815 miljun). Hemm evidenza b'saħħitha li ż-żidiet fil-prezzijiet tal-ikel matul dawn l-aħħar xhur diġà kabbru dak in-numru allavolja għad m'hemmx numru uffiċjali disponibbli mill-FAO.

L-isfidi l-ġodda, inklużi t-theddid li qed jikber tal-ispekulazzjoni alimentari, it-tibdil fil-klima, l-akkwisti globali tal-art, il-bijofjuwils, it-telf tal-biodiversità, id-degradazzjoni tal-art u l-pressjonijiet fuq l-ilma, ikkontribwxew biex ikomplu jaffetwaw il-qagħda tas-sigurtà alimentari fid-dinja. F'dan il-kuntest, il-problemi attwali madwar il-ġuħ u n-nutrizzjoni ħażina wasslu biex l-approċċ għas-sigurtà alimentari jiġi rieżaminat mhux biss fil-livell tal-UE imma anke f'dak globali.

Ir-Rapporteur tixtieq tasserixxi li l-Istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll l-Istati Membri għadhom ma qiegħdux il-qerda tal-faqar, tal-ġuħ u tan-nutrizzjoni ħażina fl-ewwel post fuq l-aġendi tagħhom jew bħala objettiv fuq żmien medju jew twil fl-istrateġiji politiċi tagħhom, minkejja li impenjaw ruħhom b'mod qawwi fir-rigward tal-infurzar tad-drittijiet tal-bniedem għall-ikel, l-ilma, l-enerġija, eċċ. Bħala konsegwenza, sabiex l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju jinkisbu sal-2015, se jkun kruċjali li jergħu jiġu eżaminati, u jinbidlu jekk ikun hemm bżonn, l-istrateġiji kollha tal-UE, bħal Ewropa 2020, l-Ewropa Globali, il-Politika dwar l-Enerġija, l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-ġejjieni tal-koperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE Barra minn hekk, ir-Rapporteur tistieden lill-UE u lill-Istati Membri jonoraw l-impenji tagħhom li jiġġieldu l-faqar u l-ġuħ fid-dinja fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Bank Dinji, il-Fond Monetarju Internazzjonali u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Apparti dan, ir-Rapporteur temmen li l-istituzzjonijiet u l-fundazzjonijiet privati jistgħu dejjem jikkomplementaw il-ħidma tal-organizzazzjonijiet governattivi fil-politiki dwar l-iżvilupp imma qatt ma jistgħu jissostitwixxuhom minħabba li m'għandhomx l-obbligu li jagħtu rendikont tagħhom infushom b'mod demokratiku. L-implimentazzjoni ta' taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji tista' tkun utli ħafna għall-ġenerazzjoni ta' fondi addizzjonali għall-qerda tal-faqar.

1. Il-qafas politiku tal-UE dwar is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali: Approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għas-sostenibilità tal-operazzjonijiet agrikoli żgħar

Fil-qafas tad-dibattitu mġedded dwar is-sigurtà alimentari, il-Kummissjoni Ewropea, fil-31 ta' Marzu 2010, adottat Komunikazzjoni ġdida dwar is-sigurtà tal-ikel li għandha tikkostitwixxi l-bażi għal qafas komuni għal azzjoni għall-UE u l-Istati Membri tagħha.

Fir-rigward ta' "Inżidu d-disponibbiltà tal-ikel", ir-Rapporteur taqbel li l-assistenza tal-UE għandha tiffoka fuq il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel fuq skala żgħira biex tiżied id-disponibilità tal-ikel, peress li l-agrikoltura għadha tinfed l-ekonomiji rurali matul id-dinja li għadha qed tiżviluppa. Hemm bżonn li s-sistemi ta' produzzjoni agrikola jissawru mill-ġdid, biex jitbiegħdu mis-sistemi attwali li jiddependu ħafna fuq inputs esterni u ż-żejt u tingħata

aktar attenzjoni għas-sistemi agroekoloġiċi b'inputs esterni baxxi u li jkunu adattati għall-kundizzjonijiet lokali u reġjonali. Għandha tingħata attenzjoni partikulari lin-nisa u l-bżonnijiet tagħhom peress li huma l-maġġoranza fost il-bdiewa b'operazzjonijiet żgħar.

Fir-rigward ta' "Intejbu l-aċċess għall-ikel", ir-Rapporteur tilqa' l-alternattiva politika ċara li "d-dritt għall-ikel" jiġi propost bħala pedament għall-qafas tal-UE. L-UE għandha tapplika approċċ abbażi tad-drittijiet għat-tfassil tal-politiki u l-istrateġiji dwar il-koperazzjoni bejn il-pajjiżi u l-programmi ta' koperazzjoni u għandha ssostni lill-gvernijiet fl-adozzjoni tad-"dritt għal ikel xieraq" fil-kostituzzjonijiet tagħhom. Apparti dan, l-UE u l-pajjiżi sħabha għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' monitoraġġ trasparenti, anke bil-parteċipazzjoni tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u l-Awtoritajiet Lokali, sabiex jiġi ggarantit li l-politiki dwar id-dritt għall-ikel jiġu implimentati kif suppost.

Fir-rigward ta' "Intejbu l-adekwatezza tan-nutrimint tal-ikel konsmat", ir-Rapporteur temmen ukoll li hemm bżonn li jsir aktar biex l-attivitajiet nutrizzjonali jiġu intensifikati u biex l-interventi tad-donatur f'dan is-settur jiġu allinjati aħjar. Biex tagħti aktar importanza lill-aspett nutrizzjonali, ir-Rapporteur qed tissuġġerixxi li l-kunċett jitwessa' u li n-nozzjoni tas-sigurtà alimetari u nutrizzjonali jintuża fit-tfassil tal-politiki u l-programmi fil-ġejjieni.

Apparti l-approċċ tad-"dritt għall-ikel", ir-Rapporteur tindika li l-kunċett tas-sovranià alimentari jista' jkun utli ħafna biex il-ġuħ fid-dinja jitnaqqas b'mod sinifikanti. Il-kunċett hu ddefinit bħala d-dritt u l-kapaċità ta' pajjiż jew reġjun li demokratikament jiddeċiedu dwar il-politiki, il-prijoritajiet u l-istrateġiji agrikoli u alimentari proprji tagħhom u jimplementawhom; il-kunċett jagħti prijorià lill-produzzjoni lokali għall-ħtiġijiet alimentari lokali u jippreżerva d-diversità tal-kulturi, l-għarfien tal-bdiewa u l-metodi ta' produzzjoni. Id-dimensjoni demokratika tal-kunċett tippermetti l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni tal-partijiet interessati kollha li jkollhom interess u li huma affettwati mill-politiki alimentari. F'dan ir-rigward, il-metodoloġija applikata għad-Djalogu Strutturat li pprovdiet riżultati trasparenti u inkużivi tista' tintuża għall-applikazzjoni tal-kunċett tas-sovranià alimentari.

Ir-Rapporteur jiddispjaċiha li l-aspett tal-ġeneri ma ġiex żviluppat sew fil-Komunikazzjoni dwar l-isfidi tas-sigurtà tal-ikel. Waqt li ġie rikonoxxut li n-nisa jiżvolġu rwol importanti biex jintgħelbu l-isfidi tas-sigurtà alimentari, il-Komunikazzjoni ma tipprovdix analiżi reali ta' dan ir-rwol u l-miżuri li jista' jkun hemm bżonn biex jiġu appoġġati.

Ir-Rapporteur tteġġeg lill-UE tappoġġa b'mod qawwi l-inizjattiva tan-NU dwar livell minimu ta' protezzjoni soċjali, li tkun tgħin biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet alimentari bażiċi tal-popolazzjonijiet foqra. Is-servizzi essenzjali (id-disponibilità u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi) u t-trasferimenti soċjali (li jitħallsu lil min hu fqir u vulnerabbli għat-tisħiħ tas-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni) huma ż-żewġ elementi ewlenin ta' għajjnuna biex jitwettaq l-approċċ abbażi tad-drittijiet tal-bniedem.

Waqt li tirrikonoxxi l-elementi pożittivi inklużi fil-Komunikazzjoni l-ġdida, ir-Rapporteur jiddispjaċiha li **l-kawżi li huma l-għeruq tal-insigurtà alimentari** ma ġewx indirizzati kif suppost.

2. Miżuri effikaċi kontra l-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel u l-akkwist bla rażan tal-art: il-limitazzjoni tal-ispekulazzjoni fis-swieg tal-prodotti bażiċi alimentari u agrikoli

F'Marzu 2011, l-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Ikel tal-FAO kien ta' 230 punt, 14-il punt aktar mill-ogħla livell li laħaq fl-2008 waqt il-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel. Issa hu rikonoxxut b'mod estensiv li l-ispekulazzjoni żvolġiet rwol kruċjali l-prezzijiet faqqgħu 'l fuq fl-2008 u fiż-żidiet ta' dan l-aħħar fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi alimentari. Waqt li l-holdings fil-fondi tal-indiċi tal-prodotti bażiċi żdied minn USD 13-il biljun fl-2003 għal USD 317-il biljun fl-2008, id-domanda u l-produzzjoni bażiċi żdiedu biss b'madwar 1.4% fl-istess perjodu. Barra minn hekk, il-volatilità tal-prezz taż-żejt hi direttament marbuta mal-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel, fatt li jqiegħed il-problema f'kuntest usa'. Għaldaqstant, kwalunkwe soluzzjoni se jkollha tqis il-komplessità tal-problema. Ir-Rapporteur temmen b'mod qawwi li għandha tingħata prijorità għolja lill-kwistjonijiet ta' madwar il-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel. Bħala konsegwenza, ir-Rapporteur titlob li jiddaħħlu miżuri effikaċi kontra l-ispekulazzjoni bla rażan fil-prodotti bażiċi alimentari u agrikoli. Jistgħu jitqiesu soluzzjonijiet differenti bħat-trażżin tal-pożizzjonijiet tad-derivati, it-trażżin tal-possibilitajiet kummerċjali għal ċerti investituri li qed jimmiraw li jissalvagwardjaw il-produzzjoni agrikola, il-prevenzjoni tal-possibilitajiet ta' kontrokummerċ u ż-żieda kbira tat-trasparenza fis-suq u l-kummerċ agrikoli.

Hemm ukoll bżonn partikolari biex jiġi żgurat l-aċċess għar-riżorsi naturali, speċjali peress li d-dritt tal-bdiewa żgħar għall-art qed jiġi mhedded mill-akkwisti fuq skala kbira tal-art li qed isiru, b'mod partikolari, mill-investituri agrikoli barranin. L-akkwisti tal-art ta' spiss jitwettqu mingħajr il-kunsens minn qabel tal-komunitajiet lokali u b'kondiviżjoni tal-benefiċċji inadegwata jew mingħajrha. Peress li ħafna pajjiżi fil-mira huma ggvernati b'mod dgħajjed u d-dritt tal-utenti tal-art protetti b'mod dgħajjed, l-akkwisti fuq skala kbira jistgħu jżidu l-faqar fl-inħawi rurali u jistgħu jwasslu biex il-popolazzjonijiet lokali jitkeċċew. Ir-Rapporteur temmen li r-riforma agrarja u r-ridistribuzzjoni tal-art għandhom jerġgħu jiġu introdotti fid-dibattitu bħala mod biex jiġi indirizzat l-aċċess għall-art mill-bdiewa fuq skala żgħira. Ir-Rapporteur temmen ukoll li l-ħtif tal-art askaptu tad-dritt għall-ikel tal-komunitajiet lokali ma jistax jiġi aċċettat u li għandha tiġi żviluppata u adottata regolamentazzjoni stretta nazzjonali u internazzjonali dwar l-akkwist tal-art.

3. Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp: l-impatt tal-politiki tal-UE dwar is-sigurtà alimentari globali

a) L-agrofuwils

Ir-Rapporteur tixtieq tfakkar li s-sigurtà alimentari m'għandhiex tiġi pperikolata minħabba d-domanda li qed tikber għall-agrofuwils u s-sitwazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn il-produzzjoni tal-ikel u l-enerġija għandhom jiġu evitati. Għalhekk, l-istrateġiji tal-UE dwar l-enerġija għandhom jiġu ffriżati sakemm ikunu ġew esklużi l-impatti negattivi possibbli tagħhom fuq il-politiki dwar is-sigurtà alimentari. Barra minn hekk, hemm periklu kbir ta' deforestazzjoni ulterjuri tal-foresti tropikali minħabba d-domanda li qed tikber.

b) Il-ġejjieni tal-politika tal-UE dwar l-agrikoltura (PAK)

Ir-Rapporteur qed tħeġġeġ lill-Kummissjoni tqis l-impatt estern tal-miżuri tal-PAK dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà alimentari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw. L-iskrutinju tal-impatt estern tat-tfassil tar-regoli taħt il-PAK dwar is-swieq internazzjonali tal-ikel u s-sigurtà alimentari fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw hu u jeħtieġ li jkun fundamentali għall-obbligu tal-UE li tonora l-impenji tagħha għall-ġustizzja internazzjonali u l-qerda tal-faqar. .

Il-PAK tal-futur għandha tinkorpora u taderixxi mal-prinċipju ta' "**tagħmilx ħsara**" lis-swieq tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Ir-Rapporteur tilqa' **t-tnaqqis fis-sussidji fuq l-esportazzjoni** u titlob riformi ulterjuri tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) sabiex jiġu eliminati l-miżuri kollha li għad fadal li jgħawġu l-kummerċ u sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jitħallew joperaw b'mod kompetittiv fis-swieq nazzjonali u reġjonali proprji tagħhom.

c) L-agrikoltura u l-kummerċ

Ir-Rapporteur ittenni t-tħassib tagħha dwar l-istrateġija kummerċjali tal-UE li tiffoka fuq il-kompetizzjoni u l-aċċess għas-suq għall-prodotti tal-UE u li ma jirnexxilhiex tipprovdi approċċ favur l-iżvilupp. Għandu jithegġegħ tnaqqis ulterjuri tat-tariffi fuq l-importazzjonijiet agrikoli mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex jiġi promoss il-ħolqien sostnut tal-ġid u jiġu pprovduti opportunitajiet reali ta' aċċess għas-suq għal dawk il-pajjiżi, mhux biss għall-materja prima agrikola imma anke għall-prodotti pproċessati tal-ikel. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom bżonn urġenti li tiġi żviluppata l-produzzjoni u l-kapaċitajiet ta' pproċessar proprji tagħhom u jinħoloq xogħol diċenti fost il-popolazzjoni lokali. Dan rekwiżit bażiku biex il-ġuħ u l-faqar jiġu miġġielda b'mod effikaċi fid-dinja. L-UE għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-produtturi lokali u reġjonali tal-ikel u l-kapaċitajiet tagħhom għall-produzzjoni, kummerċ u kompetizzjoni fis-swieq lokali, reġjonali u nazzjonali.

F'dan il-kuntest, l-hekk imsejjaħ Kunsens ta' Washington, li hu ffukat fuq il-liberalizzazzjoni, id-deregolamentazzjoni u l-privatizzazzjoni falla. Pereżempju, il-każ ta' Haiti jixhed il-konsegwenzi devastanti ta' dik l-ideoloġija: waqt li Haiti kienet awtosuffiċjenti bir-ross fis-snin sebgħin, u kienet tapplika rata fiskali ta' 50% fuq l-importazzjonijiet tar-ross, din ir-rata naqset għal 3% wara l-2000. Bħala riżultat ta' dan, Haiti tilfet l-awtosuffiċjenza tagħha u l-produtturi żgħar lokali ġew eliminati peress li ma setgħux jikkompetu mal-importazzjonijiet tar-ross b'sussidji għoljin. Bill Clinton, fir-rwol tiegħu ta' Rapporteur Speċjali dwar Haiti, iddikjara uffiċjalment f'Marzu 2010 lil Kumitat tas-Senat tal-Istati Uniti li ntweraw li din il-politika ta' liberalizzazzjoni, li ġiet promossa waqt il-presidenza tiegħu, kienet żball. Barra minn hekk, il-proposta li l-pajjiżi industrijali se jkollhom jitimġu l-ifqar pajjiżi fil-ġejjieni mhix se taħdem fil-perspettiva tar-Rapporteur.

Ir-Rapporteur tappoġġa l-inklużjoni ta' prinċipji għas-salvagwardja tad-dritt għall-ikel fil-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u pajjiżi terzi. Għaldaqstant, biex id-dritt għall-ikel isir realtà, ikun kruċjali li jsiru valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem tal-politika tal-UE dwar il-kummerċ, l-iżvilupp u l-affarijiet barranin.

